*- Azzjoni pubbliċjana*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 29 ta' Settembru 2022**

**Rikors Nru. 94/2020 GM**

**Michaelangelo Abdilla (50647M),**

**Godwin Abdilla (269072M),**

**Victor Abdilla (561480M) u**

**Christian Abdilla (397783M)**

**vs**

**Jessica McKay (486589M) u**

**George Cutajar (174140M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Michaelangelo Abdilla, Godwin Abdilla, Victor Abdilla u Christian Abdilla li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

1. L-esponenti flimkien huma proprjetarji tal-fondi bin-numri uffiċjali sbatax (17) u tmintax (18), fi Triq il-Bali Guarena, Qrendi, inkluż il-ġnejna annessa soġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' mija u tmenin lira Maltin (Lm180).

2. L-attur Michaelangelo Abdilla u l-mejta martu Maria Lourdes Abdilla kienu akkwistaw il-fondi msemmija b'kuntratt ta' enfitewsi perpetwa tal-l ta' Ottubru 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja mingħand Carmela u George konjuġi Cutajar, li kienu riżervaw fuq l-istess fondi d-dritt ta' abitazzjoni u użu *vita durante*.

3. L-imsemmija Maria Lourdes Abdilla mietet fid-19 ta' Mejju 2018 u skont l-aħħar testment tagħha tas-6 ta' Jannar 1984 fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin hija nnominat u istitwiet b'eredi universali tagħha lil uliedha l-atturi l-oħrajn Godwin, Victor u Christian aħwa Abdilla u ħalliet lil żewgha l-attur Michaelangelo Abdilla l-użufrutt ta' ġidha kollu. L-att *causa mortis* ġie debitament pubblikat fis-6 ta' Diċernbru 2018 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Bugeja u l-fondi hawn fuq imsemmija ġew debitament dikjarati.

4. Il-predeċessura fit-titolu tal-atturi, u cioe' Carmela Cutajar mietet fl-4 ta' Marzu 2014 u in forza tal-aħħar testment tagħha tat-22 ta' Settembru 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Daniel Caruana hija ħalliet b'eredi universali lil żewġha l-intimat George Cutajar.

5. Fil-*causa mortis* relattiva tat-22 ta' April 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius, l-intimat George Cutajar iddikjara li martu kienet tipposjedi r-remissa numru 18, Triq il-Bali Guarena, Qrendi. B'att *causa mortis* addizzjonali tat-22 ta' Novembru 2016, ukoll fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius, l-intimat George Cutajar iddikjara li martu kienet tipposjedi wkoll l-fond bin-numru 17, Triq il-Bali Guarena, Qrendi. Dawn id-dikjarazzjonijiet saru minkejja li l-intimat George Cutajar kien ben konsapevoli li hu u martu l-mejta Carmela Cutajar kienu trasferew l-imsemmija fondi favur l-attur Michaelangelo Abdilla u l-mejta martu Maria Lourdes Abdilla b'kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika perpetwa tal-l ta' Ottubru 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja.

6. Inoltre, b'żewġ kuntratti ta' bejgħ separati datati 22 ta' April 2016 u 22 ta' Novembru 2016 rispettivament, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius, l-intimat George Cutajar biegħ a favur l-intimata l-oħra Jessica McKay il-fondi numri 18 u 17 rispettivament, fi Triq il-Bali Guarena, Qrendi, liberi u franki, u sussegwentement, b'kuntratt ieħor tas-26 ta' Lulju 2018 ukoll fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius, huwa rrinunzja għad-dritt ta' użu u abitazzjoni tal-fond mibjugħ.

7. Kemm id-dikjarazzjonijiet *causa mortis* kif ukoll il-kuntratti ta' bejgħ hawn fuq indikati huma nulli u ma jiswewx stante li George Cutajar iddikjara u trasferixxa l-propretajiet fi Triq il-Bali Guarena, Qrendi bħala liberi u franki meta l-utile dominju perpetwu kien jappartjeni lill-atturi b'mod esklussiv.

8. Minkejja li l-intimati ġew interpellati b'ittra uffiċjali datata 25 ta' Jannar 2019 u oħra tat-12 ta' April 2019 sabiex jersqu u jaddivjenu għall-pubblikazzjoni tal-atti ta' rexxissjoni relattivi għad-dikjarazzjonijiet *causa mortis* tat-22 ta' April 2016 u tat-22 ta' Novembru 2016, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius, kif ukoll għall-kuntratti ta' bejgħ tat-22 ta' April 2016 u tat-22 ta' Novembru 2016 fl-atti tan-Nutar

Dottor Antoine Agius, in kwantu dawn jolqtu u jirreferu għall-utile dominju perpetwu tal-fondi bin-numri 17 u 18, Triq il-Bali Guarena, Qrendi, bil-ġiardina annessa magħhom, huma baqgħu inadempjenti.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-atturi huma proprjetarji assoluti tal-utile dominju perpetwu tal-fondi numri sbatax (17) u tmintax (18), fi Triq il-Bali Guarena, magħrufa wkoll bħala Triq Bali Guarena, Qrendi, inkluż il-ġnejna annessa magħha, soġġetti flimkien għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' erba' mija u dsatax-il Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€419.28), altrimenti liberi u franki, kif aħjar deskritti fil-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika tal-1 ta' Ottubru 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja.

(ii) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* tat-22 ta' April 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius huwa null u ma jiswiex in kwantu ġiet dikjarata l-proprjeta' numru 18, Triq il-Bali Guarena magħrufa wkoll bħala Triq Bali Guarena, Qrendi, bil-ġiardina magħha li għandha bieb għaliha wkoll pero' bla numru tal-kejl kollox ta' erba' mija tlieta u tletin metru kwadru (433mk), libera u franka, kif aħjar deskritta fl-imsemmi att ta' dikjarazzjoni *causa mortis*, stante li l-utile dominju perpetwu ta’ din il-proprjeta` kien jappartjeni b’ mod esklussiv lill-atturi.

(iii) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* tat-22 ta' Novembru 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius huwa null u ma jiswiex in kwantu ġiet dikjarata l-proprjeta' numru 17, Trrq il-Bali Guarena magħrufa wkoll bħala Triq Bali Guarena, Qrendi, kif aħjar deskritta fl-imsemmi att ta' dikjarazzjoni *causa mortis*, stante li l-utile dominju perpetwu ta' din il-proprjeta' kien jappartjeni b'mod esklussiv lill-atturi;

(iv) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-att ta' bejgħ tat-22 ta' April 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius bejn l-intimati huwa null u ma jiswiex in kwantu ġiet mibjugħa l-proprjeta' numru 18, Triq il-Bali Guarena magħrufa wkoll bħala Triq Bali Guarena, Qrendi, bil-ġiardina magħha li għandha bieb għaliha wkoll pero' bla numru tal-kejl kollox ta' erba' mija tlieta u tletin metru kwadru (433mk), libera u franka, kif aħjar deskritta fl-imsemmi kuntratt ta' bejgħ, stante li l-utile dominju perpetwu ta' din il-proprjeta' kien jappartjeni b' mod esklussiv lill-atturi;

(v) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-att ta' bejgħ tat-22 ta' Novembru 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius bejn l-intimati huwa null u ma jiswiex in kwantu ġiet mibjugħa l-proprjeta' numru 17, Triq il-Bali Guarena magħrufa wkoll bħala Triq Bali Guarena, Qrendi, libera u franka, kif aħjar deskritta fl-imsemmi kuntratt ta' bejgħ, stante li l-utile dominju perpetwu ta' din il-proprjeta' kien jappartjeni b'mod esklussiv lill-atturi;

(vi) Konsegwentement tannulla u tirrexxindi l-atti ta' dikjarazzjoni *causa mortis* u l-kuntratti ta' bejgħ hawn fuq indikati in kwantu dawn jirreferu għall-proprjetajiet bin-numri 17 u 18, Triq il-Bali Guarena magħrufa wkoll bħala Triq Bali Guarena,

Qrendi, liberi u franki, kif aħjar deskritti hawn fuq, stante li l-utile dominju perpetwu tal-istess proprjetajiet kien jappartjeni b' mod esklussiv lill-atturi.

(vii) Tinnomina n-Nutar Dottor Mario Bugeja sabiex jiġi ppubblikat l-att jew atti relattivi ta' rexxissjoni u tinnomina wkoll kuraturi sabiex jirrappreżentaw xi wieħed mill-kontendenti fl-eventwali kontumaċja tagħhom fuq l-att jew atti relattivi ta' rexxissjoni.

Rat ir-Risposta ta' Jessica Mckay li permezz tagħha eċċepiet illi :

1 It-talbiet tal-atturi huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan minn kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-kawza;

2 Preliminarjament ir-rikorrenti għandhom jiddikjaraw b'mod ċar 1-artikoli tal-Liġi, ossia l-istitut/i ġuridiċi li fuqhom qegħdin jinsabu jsejsu l-azzjoni minnhom esperita, u għaldaqstant l-eċċipjenti tinsab tirriserva d-dritt li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri ladarba sseħħ tali kjarifika;

3 Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, l-esponenti teċepixxi 1-irritwalita` tal-azzjoni odjerna hekk kif proposta mill-atturi, stante 1i skont il-ġurisprudenza nostrana, l-azzjoni ta' rexissjoni hi miftuħa biss għall-partijiet ta' dak l-att li tintalab ir-rexissjoni tiegħu, u minn kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawża l-ebda wieħed mir-rikorrenti jew l-ante kawża tagħhom ma kienu parti f'xi att li jinsabu jitolbu r-rexissjoni tiegħu. F'dan ir-rigward l-eċċipjenti tagħmel referenza għall-insenjament tal-ġurista Ricci *("Corso Teorico Pratico di Diritto Civile", Vol VI, Titolo IV, para. 348) fejn jgħid li: L'azione di nullita` non puo' proporsi che dai contraenti, o da quello tra essi cui in alcuni casi la legge la concede, giammai dai terzi, i quali, essendo estranei alla convenzione, sono pure estranei ai rapporti che questa ha posto in essere tra i contraenti, e non possono quindi pretendere di modificare o distruggere cotali rapporti."* Tali insenjament ġie abbraċċjat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell f'diversi sentenzi inkluż dawk ta: Mario u Mary konjuġi Borg vs. Naħla Limited u b'digriet tas-7 ta' Marzu 2005, l-isem tas-soċjeta` konvenuta ġie mibdul għal Portbart Limited u Charles u Cynthia konjuġi Mangion (App Ċiv Nru 1802/1999/1 - deċiża 29/02/2008) u dik ta' Anthony J. Terreni vs. Dottor Rene Frendo Randon, G.R.A.P. Limited, Reginald Fava, Maria Aurora Fava, Pierre Fava u Graziella Fava - (App iv Nru 471/2002/1 - deċiża 3/10/2008);

4 Mingħajr preġudizzju għal dak eċċepit, l-esponenti addivjeniet għall-kuntratti ta' bejgħ datati 22 ta' Aprl 2016 u 22 ta' Novembru 2016, rigwardanti l-fondi numru 18 u 17 rispettivament fi Triq il-Bali Guarena, l-Qrendi, in buona fede u tiddikjara li ma kinitx konsapevoli tal-allegata konċessjoni enfitewtika perpetwa a favur l-atturi. Sussegwentement tat-tali akkwist l-esponenti ppossediet il-fond in bouna fede u

saret biss konxja bil-pretensjonijet tar-rikorrenti fuq l-artijiet de quo wara li hija bdiet tagħmel xi xogħlijiet ta' manutenzjoni u benefikati f' dawn l-artijiet;

5 Inoltre u mingħajr preġudizzju, anke li jekk dato ma non concesso jirriżulta li l-fondi bin-numri 17 u 18 rispettivament fi Triq il-Bali Guarena, l-Qrendi ma humiex liberi u franki iżda soġġetti għal ċens annwu u perpetwu hekk kif allegat mir-rikorrenti, dan ma jfissirx li l-esponenti ma tgawdi minn ebda titolu fuq dawn l-artijiet. Minn kif ingħad fir-rikors promotur ir-rikorrenti allegatament għandhom l-utile dominium tal-fondi bin-numri 17 u, 18 rispettivament fi Triq il-Bali Guarena, u għaldaqstant jsegwi li d-dominum directum baqa' jappartjeni lill-konjuġi Cutajar. Għaldaqstant, anke jekk għall-grazzja tal-argument jsegwi li f'każ bħal dan l-esponenti xtrat titolu soġġett għal ċens annwu u perpetwu fl-ammont ta' €419.28, fl-agħar ipotesi l-esponenti xorta waħda minn tal-anqas tgawdi t-titolu ta' directum dominium fuq l-artijiet li ġew trasferiti bl-atti in kontenzjoni;

6 In ogni caso u strettament mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet su esposti, anke wara li r-rikorrenti saru jafu bil-kuntratti ta' bejgħ fl-Atti tan-Nutar Antoine Agius tat-22 ta' April 2016 u 22 ta' Novembru 2016 rispettivament, ir-rikorrenti naqsu wkoll milli tal-anqas joffru lill-esponenti li jħallsuha ċ-ċens annwali hekk kif allegatament pattwit minnhom u mill-ante kawża tagħhom fil-konċessjoni enfitewtika fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja;

7 L-esponenti għandha wkoll riżervi serji dwar il-validita` tal-allegata konċessjoni enfitewtika perpetwa tal-1 ta' Ottubru 1998 fl-Atti tan-Nutar Mario Bugeja a favur il-konjuġi Abdilla, u għaldaqstant sejra żżomm ferm kull dritt spettanti lilha fil-konfront tar-rikorrenti f'dan ir-rigward peress illi jista' jeżisti sia vizzju fil-kunsens u nuqqas ta' kunsiderazzjoni għall-validita` tal-istess att;

8 Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet su esposti, fi kwalunkwe każ l-esponenti ma għandiex tbati l-ispejjeż ta' dina l-kawża u tinsab tirriżerva ferm id-drittijiet tagħha fil-konfront tal-venditur intimat George Cutajar. L-esponenti sejra wkoll tirriżerva ferm id-dritt tagħha fil-konfront tar-rikorrenti għar-rifużjoni ta' kwalunkwe spejjeż li hija nkorriet għal benefikati li hija għamlet fl-artijiet mertu tal-kuntratti li r-rexissjoni tagħhom tinsab tiġi mitluba;

Rat li l-konvenut George Cutajar baqa' kontumaċi u lanqas ma ppreżenta nota ta' sottomissjonijiet minkejja li ngħata l-opportunita` li jagħmilha.

F'din il-kawża, l-ilment tal-atturi hu li l-konvenuta McKay xtrat mingħand il-konvenut l-ieħor George Cutajar permezz ta' tliet kuntratti tat-22.04.2016,

22.11.2016 u 26.07.2018 razzett bl-ġjardina miegħu li l-istess George Cutajar flimkien ma' martu (illum mejta) kien itrasferixxa b'titlu ta' ċens perpetwu fl-1 t'Ottubru 1998 lill-attur Michaelangelo Abdilla u lil martu Maria Lourdes li wirtuha l-atturi l-oħrajn. Għalhekk jitolbu dikjarazzjoni li huma s-sidien u li l-kuntratti msemmija, flimkien mad-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-assi ta' mart George Cutajar.

Il-konvenuta McKay permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha laqgħet għat-talba tal-atturi billi sostniet li kellhom jiddikjaraw fuq liema artikli tal-liġi ossia istitut tal-liġi qegħdin iressqu din il-kawża. Eċċezzjoni bla siwi għaliex taħt ir-reġim proċedurali ċivili tagħna m'hemmx obbligu li dawn jiġu ċċitati. Biżżejjed li jiġu allegati l-fatti u ssir it-talba u li l-r-raġuni u l-oġġett tat-talba jkunu ċari. Imbagħad sta għall-Qorti li ssib jekk il-fattispeċje partikolari allegati jaqghux fil-parametri tal-elementi ipotetizzati mil-liġi.

McKay imbagħad tressaq it-tielet eċċezzjoni tagħha fis-sens li l-atturi ma kinux parti fil-kuntratti tal-akkwist tal-konvenuta u allura ma jistgħux jitolbu r-rexxissjoni tiegħu. L-atturi iżda mhumiex jitolbu rexxissjoni ta' kuntratt imma d-dikjarazzjoni ta' nullita` tiegħu. Li kieku din l-eċċezzjoni kellha tintlaqa', twassal għall-assurdita` li l-ebda sid li terzi persuni jbigħulu ġidu ma jkun jista' jieħdu lura. Din l-eċċezzjoni hija kompletament bla bażi u sejra tiġi miċħuda wkoll.

Permezz tar-raba' eċċezzjoni, McKay tgħid li xtrat in buona fede u li ma kinitx taf bil-konċessjoni enfitewtika favur l-atturi.

Permezz tal-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjoni, McKay tgħid li tal-inqas għandha d-dirett dominju; li l-atturi qatt m'offrew li jħallsuha ċ-ċens, u li għandha dubju fuq il-validita` tal-konċessjoni enfitewtika. Bit-tmien u d-disa' eċċezzjonijiet irriżervat kull dritt li jista' jkollha kontra l-atturi.

M’hemmx dubju li din hija azzjoni pubbliċjana. L-Onorabbli Qorti tal-Appell, in re: **England v Muscat**[1] irrimarkat li fid-dritt modern din l-azzjoni sseħħ meta l-attur juri titlu u kemm l-attur kif ukoll il-konvenut jippretendu titlu fuq il-ħaġa **mingħand l-istess awtur**, u f’dik is-sitwazzjoni jirbaħ min ikollu l-aħjar titlu fis-sens ta’ prijorita`. Dan b’kuntrast għall-azzjoni rivendikatorja, meta l-attur u l-konvenut ma jkunux qegħdin jippretendu titlu mingħand l-istess awtur, u allura l-attur ikun meħtieġ jipproduċi l-prova dijabolika, jew titlu oriġinali, u ma jkunx biżżejjed li l-attur jipprova titlu aħjar minn dak tal-konvenut.

L-atturi (jew il-predeċessuri fit-titlu ta’ wħud minnhom) akkwistaw qabel il-konvenuta (almenu l-*utile dominium*). Għalkemm fir-risposta maħlufa l-konvenuta esprimiet dubju dwar il-validita` tat-titlu tal-atturi ma ressqet l-ebda prova fir-rigward. Li jfisser li l-atturi, bħala akkwirenti anterjuri, għandhom titlu aħjar minn dak tal-konvenuta. Anzi l-konvenuta m’għandha l-ebda titlu għaliex **xtrat mingħand min ma kienx sid għaliex kien diġa` ttrasferixxa l-proprjeta` tiegħu.**

Fid-dawl tal-premess il-Qorti m’għandhiex għalfejn toqgħod tifli x-xhieda tal-atturi u tal-konvenuta li jixħtu dawl fuq l-isfond ta’ *mala fede* li fih sar l-akkwist mill-konvenuta.

***<u>Decide</u>***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta safejn mhumiex kompatibbli ma’ din id-*decide*.

[1] Richard England v Joseph Muscat 29.10.2018 Qorti tal-Appell (Superjuri).

(2) Tilqa’ l-ewwel talba billi tiddikjara u tiddeċiedi li l-atturi huma proprjetarji tal-*utile* dominju perpetwu tal-fondi numri 17 u 18, fi Triq il-Bali` Guarena, magħrufa wkoll bħala Triq Bali` Guarena, Qrendi, inkluż il-ġnejna annessa magħha, soġġetti flimkien għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €419.28, altrimenti liberi u franki, kif aħjar deskritti fil-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika tal-1 ta' Ottubru 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja.

(3) Tilqa’ t-tieni talba billi tiddikjara u tiddeċiedi li l-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* tat-22 ta' April 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius huwa null u ma jiswiex in kwantu ġiet dikjarata l-proprjeta' numru 18, Triq il-Bali Guarena magħrufa wkoll bħala Triq Bali Guarena, Qrendi, bil-ġiardina magħha li għandha bieb għaliha wkoll pero' bla numru tal-kejl kollox ta' 433m.k., libera u franka, kif aħjar deskritta fl-imsemmi att ta' dikjarazzjoni *causa mortis*, stante li l-*utile* dominju perpetwu ta’ din il-proprjeta` kien jappartjeni b’ mod esklussiv lill-atturi.

(4) Tilqa’ t-tielet talba billi tiddikjara u tiddeċiedi li l-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* tat-22 ta' Novembru 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius huwa null u ma jiswiex in kwantu ġiet dikjarata l-proprjeta' numru 17, Triq il-Bali Guarena magħrufa wkoll bħala Triq Bali Guarena, Qrendi, kif aħjar deskritta fl-imsemmi att ta' dikjarazzjoni *causa mortis*, stante li l-utile dominju perpetwu ta' din il-proprjeta' kien jappartjeni b'mod esklussiv lill-atturi;

(5) Tilqa’ r-raba’ talba billi tiddikjara u tiddeċiedi li l-att ta' bejgħ tat-22 ta' April 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius bejn l-intimati huwa null u ma jiswiex in kwantu ġiet mibjugħa l-proprjeta' numru 18, Triq il-Bali Guarena magħrufa wkoll bħala Triq Bali Guarena, Qrendi, bil-ġiardina magħha li għandha bieb għaliha wkoll pero' bla numru tal-kejl kollox ta' 433m.k., libera u franka, kif aħjar deskritta fl-imsemmi kuntratt ta' bejgħ, stante li l-*utile* dominju perpetwu ta' din il-proprjeta' kien jappartjeni b' mod esklussiv lill-atturi;

(6) Tilqa’ l-ħames talba billi tiddikjara u tiddeċiedi li l-att ta' bejgħ tat-22 ta' Novembru 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius bejn l-intimati huwa null u ma jiswiex in kwantu ġiet mibjugħa l-proprjeta' numru 17, Triq il-Bali Guarena magħrufa wkoll bħala Triq Bali Guarena, Qrendi, libera u franka, kif aħjar deskritta fl-imsemmi kuntratt ta' bejgħ, stante li l-*utile* dominju perpetwu ta' din il-proprjeta' kien jappartjeni b'mod esklussiv lill-atturi;

(7) Tilqa’ s-sitt talba fis-sens li tannulla u tirrexxindi l-atti ta' dikjarazzjoni *causa mortis* u l-kuntratti ta' bejgħ hawn fuq indikati safejn dawn jirreferu għall-*utile* dominju perpetwu tal-proprjetajiet bin-numri 17 u 18, Triq il-Bali Guarena magħrufa wkoll bħala Triq Bali Guarena, Qrendi, liberi u franki, kif aħjar deskritti hawn fuq, stante li dan jappartjeni b' mod esklussiv lill-atturi.

(8) Tilqa’ s-seba’ talba billi tinnomina n-Nutar Dottor Mario Bugeja sabiex jippubblika l-att jew atti relattivi ta' rexxissjoni f’jum ħin u lok li jistabbilixxi wara konsultazzjoni mal-partijiet iżda bla ma jkun marbut mal-kunsens tagħhom f’data mhux iktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta’ din is-sentenza u taħtar lill-Avukat Martha Mifsud sabiex tirrappreżenta xi wieħed jew iktar mill-kontendenti fl-eventwali kontumaċja tagħhom fuq l-att jew atti relattivi ta' rexxissjoni.

Bl-ispejjeż a kariku tal-konvenuti b’dan illi l-kuratriċi titħallas proviżorjament mill-atturi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA